# Kunsill Lokali Ta' Kerċem

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ta' Kerċem

ID-DISA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 16

It-Tnejn, 5 ta' Mejju, 2025

Il-Kunsill Lokali Ta' Kerċem iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fiċ-Ċentru Ċiviku, Pjazza Orvieto, Ta' Kerċem, fin-12.30pm.

PREŻENTI:

Mario Azzopardi – Sindku
Abigail Micallef – Viċi Sindku
Jonathan Mercieca – Kunsillier
Frankie Attard – Kunsillier

SKUŻATI:

Horace Vella – Kunsillier

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Marianne Sagona – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku Mario Azzopardi ippresjieda l-Laqgħa.

## 16.1 Qari tal-Ittri ta' Apoloġija

Il-Kunsillier Horace Vella talab li jkun skużat mil-laqgħa tal-lum. Ħadd ma sab oġġezzjoni.

## 16.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

Inqraw il-minuti tal-laqgħa preċedenti. Dawn ġew approvati u iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

## 16.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

16.3.1 Is-Sindku għarraf illi d-Dipartiment għal Gvern Lokali ħareġ opportunita' ta' fondi bl-isem 'Minn Pjazza għal Pjazza'. Huwa ssuġġerixxa illi nippruvaw napplikaw għal attivita' dwar l-astrologija u l-ikel. Dan peress li diġa' kien tkellem ma' persuna li kien hemm il-ħsieb li ssir attivita' b'din it-tema. Il-Kunsill qabel li mmexxu bl-applikazzjoni f'dan is-sens.

16.3.2 Ġiet approvata t-talba għal estensjoni tal-proġett 'Frott il-Qamħ u l-Ilma Ġieri' sal-31 ta' Mejju 2025.

16.3.3 Il-Kunsill irċieva ittra uffiċjali mingħand is-Sur Ronnie Dimech bħala risposta għall-ittra uffiċjali li kien bagħat il-Kunsill. Bħalissa ma jista' jsir xejn iżda l-Kunsill se jħallas lil Dimech l-ammont maqbul skond il-laqgħa li kienet saret mal-Avukat tal-Kunsill, jiġifieri l-ammont imnaqqas bi 15% penali u jitnaqqas l-item tal-'fireworks'.
Saret komunikazzjoni oħra mal-ERA dwar is-sitwazzjoni tal-Għadira ta' San Raflu fejn irriżulta illi l-lega rqiqa ta' żejt li kien fadal fil-wiċċ tal-ilma issa kważi telqet kollha. Madanakollu, il-Kunsill Lokali qed jisħaq illi l-Għadira terġa' timtela' bl-ilma kif kienet qabel.

16.3.4 Il-Kumitat tal-Festa kien talab illi għall-fiera tal-Għadira, il-Kunsill jgħin fil-kiri tal-mobile toilets, tindif u dustbins, eċċ. Is-Sindku qal li peress li l-attivita' kienet qabel il-laqgħa tal-Kunsill, dawn l-affarijiet ħadna ħsiebhom qabel.

16.3.5 Id-DLG infurmana illi l-attivita' li konna applikajna għaliha għall-14 ta' Ġunju ġiet approvata u ser inkunu qed niffirmaw il-kuntratt fil-jiem li ġejjin.

16.3.6 Ir-Reġjun t'Għawdex qiegħed fil-proċess sabiex japplika għal 'European Capital of Culture in 2031'. B'hekk, il-Kunsilli kollha t'Għawdex ser ikunu qed jiffirmaw Memorandum of Understanding mal-istess Reġjun bħala sostenn għal dan il-proġett.

## 16.4 Attivita' 'Melodija u l-Benna Maltija'

Sar qbil illi l-Kunsill għandu jiltaqa' mal-Għaqdiet tar-raħal dwar l-attivita' din il-ġimgħa biex jiġu diskussi aħjar kif ser jitqassmu l-affarijiet.

## 16.5 Għad-Dell tal-Akwadott

Il-MAFA qed jissuġġerixxu illi l-Kunsill joħroġ Eur11,000 u l-MAFA toħroġ Eur25,000. Madanakollu, il-Kunsill ma jistax joħroġ dawn il-flus kollha u għalhekk ser jissuġġerixxi li joħroġ 15% tal-proġett.

## 16.6 Biċċa art fi Triq is-Santwarju Puniku

Il-Kunsillier Jonathan Mercieca ressaq ittra u firem ta' petizzjoni dwar xi raba' fi Triq is-Santwarju Puniku. Skond ir-residenti, din l-art qegħda f'periklu li tiġi żviluppata u qed jitolbu lill-Kunsill Lokali sabiex jappoġġjahom fit-talba tagħhom sabiex din l-art, li skond dawn ir-residenti hija art tal-Gvern, tibqa' pubblika u ssir xi ġnien jew żona pubblika. Wara li din il-materja ġiet diskussa mill-Kunsill, il-Kunsill qabel illi qed jaqbel ma' din il-petizzjon u għandu jkun ta' appoġġ għar-residenti dwar dan l-iżvilupp.

## 16.7 Festa 2025

Is-Sindku qal illi kellu laqgħa mas-Supretendent u ġibed l-attenzjoni li l-Kunsill għandu jkun mistieden għal-laqgħa li ssir bejn il-Pulizija u l-Għaqdiet. Ġie diskuss li nġibu bowser jaħsel l-art wara l-marċ u dwar il-parkeġġ għas-Sibt tal-festa naraw insibux għalqa fi Triq Qasam San Ġorġ u nagħmlu Park & Ride. Apparti hekk, importanti li nġibu parker u żewġ uffiċjali ta' TM biex jimmaniġjaw it-traffiku.

## 16.8 Ilmenti u Suġġerimenti

16.8.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ġibdet l-attenzjoni illi għalkemm waħda mill-punti tal-Aġenda kien l-approvazzjoni tal-Financial Statements Awditjati, dawn għadhom ma tlestewx minn naħa tal-Awdituri u għalhekk ikollna nistennew.

16.8.2 Is-Sindku qali illi wara li nżebagħ it-traffic management fi Triq Wenzu Mintoff inħolqot problema kbira għax il-parkeġġ irid isir naħa waħda biss. Is-sidien issa ma jistgħux jipparkjaw hemmhekk u s-Sindku tkellem ma' Dr Camilleri minn TM iżda qaltlu li l-wisa' hu li hu. Il-Perit tal-Kunsill iċċekkja ukoll dwar il-broken lines mal-LESA u qalulu li ma jagħtux tickets fuq broken lines. Madanakollu, dan ma jfisser xejn għaliex din irridu naraw dwarha. Issa qed nistennew laqgħa mal-Perit ta' TM.

16.8.3 Il-Kunsillier Frankie Attard ressaq dawn it-talbiet:

- Sabiex jitranġa quddiem garage fi Triq Santa Luċija. Ħadd ma sab oġġezzjoni;

- Biex titkaħħal il-mina t'Għar Ilma. Ġie deċiż li ser naraw x'hemm bżonn isir;
- Ħajt biex jitranġa fi Trejqet Lonzu peress li qed jiżżaqqaq. Ser nerġgħu nirrapportawh bis-sistema tal-MGP;
- Fakkar fil-bank li kien talab il-Kunsillier Jonthan Mercieca għal Triq il-Kalandrijiet. Wara diskussjoni sar qbil li jiżdied wieħed.

16.8.4 Il-Viċi Sindku ressqet dawn it-talbiet:

- Illi se ssir 5K Run minn persuna li ser tkun qed tikkompeti għal Miss Kercem sabiex jinġabru donazzjonijiet għall-Malta Trust Foundation. Din il-ġirja ser tispiċċa ġewwa l-Għadira ta' San Raflu u l-Viċi Sindku qed tissuġġerixxi li nixtrulhom xi ilma u cereal bars/snacks. Ħadd ma sab oġġezzjoni;
- Illi jsiru rumble strips fi Triq Qasam San Ġorġ in-naħa ta' barra. Wara diskussjoni rriżulta illi din il-parti tagħmel mar-Rabat;
- Persuna talbitha biex isir traffic management fi Triq il-Ħorġ. Madanakollu, wara li ġara meta dan sar fi Triq Wenzu Mintoff, il-Kunsill qabel illi aħjar tibqa' kif inhi milli jsir it-traffic management.

16.8.5 Il-Kunsillier Jonathan Mercieca ressaq dawn it-talbiet:

- Biex isir il-patching fi Triq l-Għadira. Ħadd ma sab oġġezzjoni;
- Sabiex issir Cul de Sac fi triq li tidħol 'l taħt fejn il-vapur. Ħadd ma sab oġġezzjoni;
- Sabiex issir mera int u ħiereġ minn ġo għalqa. Din ġiet diskussa iżda rriżulta illi ma tistax issir għaliex hija tal-privat;
- Sabiex il-kanni li saru fi Triq l-Avukat Anton Calleja bit-tabelli taz-zebra crossing, isiru mal-appoġġi u jitneħħew minn mal-kanni. Sar qbil li jsir hekk fejn nistgħu iżda nitkellmu mas-sidien tar-residenzi l-ewwel;
- Biex jinqata' l-ħaxix fit-triq tal-ħawli. Ħadd ma sab oġġezzjoni.

## 16.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

Ġew approvati l-pagamenti li kien hemm pendenti.

## 16.10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

Il-Laqgħa ntemmet fit-3.00pm u ġiet aġġornata għat-3 ta' Ġunju 2025, fin-12.30pm.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Mario Azzopardi<br>Sindku | Marianne Sagona<br>Segretarju Eżekuttiv |